**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-06 ta' Ottubru, 2020**

**Talba numru: 175/2019 AM**

**Numru fuq il-Lista: 26**

**Venesia Company Limited (C-84274)**

**212, Bwieqi Street,**

**Birkirkara**

**Vs**

**Trocadero Group Limited (C-83008)**

**Palace Gate 6**

**Dragonara Road**

**San Giljan**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba tas-socjeta' attrici prezentat fit-18 ta' Lulju 2019 li permezz tieghu talbet lis-socjeta' konvenuta tigi ordnata thallasha is-somma ta' tlett elef disa' mija u tmienja u sittin ewro u sitta u sittin centezmu (€3,968.66c) in konnessjoni ma' fornitura ta' diversi prodotti ta' ikel u xorb mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li s-socjeta' konvenuta giet debitata notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data tal-ewwel seduta quddiem dan it-Tribunal.

Ra li s-socjeta' konvenuta ghalkemm debitament imsejha baqghet ma dehritx ghas-seduta u lanqas kkontestat t-talbiet attrici.

Ra s-subizzjoni tas-socjeta' attrici.

Ra li s-socjeta' konvenuta baqghet ma dehritx ghas-seduta tal-lum.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jordna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef disa' mija u tmienja u sittin ewro u sitta u sittin centezmu (€3,968.66c) bl-imghaxijet kummercjali mid-data tal-ittra ufficjali numru 914/19 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru u tal-ittra ufficjali numru 914/19 a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**